GĦAQDA NAZZJONALI TAL-PENSJONANTI
NATIONAL ASSOCIATION OF PENSIONERS

c/o 62, Triq il-Konti Ruġġieru, Rabat RBT 1450, MALTA
Tel. +356 2145 5239 ▪ Mob. +356 9923 9972
email: naopmalta@gmail.com

18 ta' Marzu 2021

Onorevoli

Qiegħed nibgħatlek kopja tar-Riżoluzzjoni li ġiet approvata fil-Laqgħa Ġenerali ta' l-Għaqda Nazzjonali tal-Pensjonanti li ġiet miżmuma nhar is-Sibt, 13 ta' Marzu 2021 li miħabba l-vulnernabilita' ta' l-anzjani ġiet miżmuma b'mezzi virwali.

Dejjem tiegħek

Joseph M. Azzopardi
Segretarju Ġenerali

Lill-President tal-Kumitat Permanenti Parlamentari dwar l-Affarijiet Soċjali
Lill-President tal-Kumitat Permanenti Parlamentari dwar l-Affarijiet tal-Familja
Lill-President tal-Kumitat Permanenti Parlamentari dwar is-Saħħa; u
Lill-President tal-Kumitat Permanenti Parlamentari dwar l-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji

Ann. Riżoluzzjoni

**GĦAQDA NAZZJONALI TAL-PENSJONANTI**
NATIONAL ASSOCIATION OF PENSIONERS

c/o 62, Triq il-Konti Ruġġieru, Rabat RBT 1450, MALTA
Tel. +356 2145 5239 ▪ Mob. +356 9923 9972
email: naopmalta@gmail.com

# RIŻOLUZZJONI

Din il-Konferenza Ġenerali Annwali tal-Għaqda Nazzjonali tal-Pensjonanti, imlaqqgħa llum is-Sibt, 13 ta' Marzu 2021, b'mod virtwali, wara li semgħet id-diskors tal-President u r-Rapport Amministrattiv u Finanzjarju, u filwaqt li:

TINNOTA u tifraħ li fil-ħamsin sena mit-twelid tagħha fid-9 ta' Mejju 1971 l-Għaqda Nazzjonali tal-Pensjonanti ħadmet bla-heda għall-benefiċċju tal-anzjani, il-pensjonanti u r-romol tagħhom, u li, bis-saħħa tal-pressjoni u l-inizjattivi mill-Għaqda, sar ħafna progress iżda daqstant ieħor għad hemm ħafna xi jsir bi sfidi kbar quddiemna;

TINNOTA WKOLL ir-rapport imsejjaħ "*2020 Pensions Strategic Review Document for Public Consultation*" li ġie ppublikat u mqassam lill-għaqdiet u l-pubbliku fil-15 ta' Diċembru 2020 u li l-Għaqda diġà għamlet il-kummenti tagħha fuqu;

TINNOTA WKOLL li bis-saħħa tas-sħubija tal-Għaqda f'AGE Platform Europe qed inżommu ruħna aġġornati fuq l-iżviluppi Ewropej dwar l-anzjani li jistgħu jiġu applikati f'Malta;

TINNOTA WKOLL li r-rati tal-pensjoni għandhom ikunu relatati mal-kontribuzzjonijiet li l-indvidwu/a jkunu ħallsu matul il-ħajja tax-xogħol tagħhom, kif tirrikjedi il-liġi relevanti sa mill-bidu nett tagħha fl-1956, u li minkejja dan kollu diversi amministrazzjonijiet kissru dal-prinċipju fundamentali taħt il-pretensjoni li qed jaġevolaw dawk fl-iskali baxxi;

TINNOTA WKOLL li l-Bonds +62 baqgħu taxxabbli kontra r-rakkomandazzjoni ċara tal-Għaqda tagħna li dawn ikunu meħlusa mit-taxxa;

TINNOTA WKOLL li mhux l-anzjani kollha jistgħu jużaw it-trasport pubbliku bla ħlas kontra r-rakkomandazzjoniet tal-Għaqda tagħna li dawn ikunu bla ħlas għall-anzjani kollha minn 60 sena 'l fuq;

TINNOTA WKOLL li għad hemm numru sostanzjali ta' pensjonanti li għadhom ma ġewx reassessed minkejja l-fatt li dan hu obbligu legali ta' kull sena fuq l-awtoritajiet kompetenti billi jipprovdu r-riżorsi neċessarji biex jintlaħaq dan l-iskop;

TINNOTA WKOLL li għad hemm diskriminazzjoni serja kontra l-anzjani, speċjalment fejn jirrigwarda ħajja attiva, uġwaljanza bejn in-nisa u rġiel anzjani, u l-proviżjoni ta' pensjonijiet adegwati għan-nisa u għall-irġiel;

TINNOTA WKOLL li għadna 'l bogħod mill-kontinwazzjoni għall-edukazzjoni u aktar opportunitajiet ta' impieg wara l-irtirar, l-aċċess għall-provvisti u għas-servizzi xierqa, inklużi, b'mod speċjali, fejn jirrigwardaw is-saħħa u l-benessere tal-anzjani, u s-setgħa li l-anzjani jissieħbu bis-sħiħ fil-ħajja soċjali u demoratika tal-pajjiż.

TESPRIMI t-tħassib tagħha għall-fatt li l-kwistjoni antika tal-Pensjoni tas-Servizzi baqgħet ma ġietx riżolta;

TESPRIMI wkoll it-tħassib tagħha dwar is-sostenibilità u l-adekwatezza tal-pensjonijiet jekk dawn jibqgħu jiddependu fuq soluzzjonijiet temporanji bħal dik tal-'Economic Mirgants';

TURI t-tħassib serju tagħha dwar li l-Guaranteed National Minimum Pension (GNMP) għadha ma tigarantixx li l-individwu ma jaqax f'riskju ta' faqar.

GĦALHEKK TIRRISOLVI LI:

1. TISTENNA li jiġi żgurat dħul adegwat għall-anzjani prinċipalment billi jingħataw pensjoni xierqa;
2. IKUN ASSIGURAT li l-Pensjoni Minima Nazzjonali tiżdied għall-livelli fejn persuna ma tibqax iktar f'riskju li taqa' fil-faqar;
3. IKUN ASSIGURAT li r-rati tal-pensjoni ikunu relatati mal-kontribuzzjonijiet li l-indvidwu/a jkun ħallas matul il-ħajja tax-xogħol tiegħu, kif tirrikjedi il-liġi relevanti sa mill-bidu nett tagħha fl-1956;
4. IKUN ASSIGURAT li l-anzjani jkollhom kura tas-saħħa ta' kwalità u li tkun affordabbli;
5. IKUN ASSIGURAT li t-Trasport Pubbliku ghall-anzjani jkun b'xejn għall-pensjonanti kollha, irrispettivament mill-età tagħhom;
6. IKUN ASSIGURAT li l-Bonds+62 tal-Gvern ikunu b'imgħax favorevoli u mhux taxxabbli;
7. IKUN ASSIGURAT li l-pensjonanti rikoverati f'istituzzjonijiet tal-Gvern għandhom jirċievu l-istess konċessjonijiet ta' taxxa, u oħrajn, li huma applikabbli għal dawk rikoverati f'istituzzjonijiet privati;
8. IKUN ASSIGURT LI r-reassements tal-pensjonijiet mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali jiġu aġġornati kif tirrikjedi l-liġi relevanti. Għal dan l-iskop il-gvern għandu mill-aktar fis possibbli jżid ir-riżorsi umani u oħrajn kif ġie rakkomandat ukoll mill-Awditur Ġenerali fir-rapport tiegħu tal-1917.
9. TIĠI RIŻOLTA b'mod sodisfaċenti l-kwistjoni antika tal-Pensjoni tas-Servizz;
10. TIĠI RIVEDUTA l-Pensjoni Minima Garantita billi tkun kalkolata fuq bażi equivalized fuq id-daqs tal-familja.

TAQBEL li kopja ta' din ir-Riżoluzzjoni tintbagħat -

lill-E.T. il-President tar-Repubblika,
lill-iSpeaker, Kamra tad-Deputati, Parlament ta' Malta,
lill-Onor. Prim Ministru,
lill-Onor. Deputat Prim Ministru u Ministru tas-Saħħa,
lill-Onor. Ministru tal-Finanzi u Impjieg,
lill-Onor. Ministru għas-Solidajeta' u l-Ġustizzja Soċjali, il-Familja u Drittijiet tat-tfal
lill-Onor. Ministru għaċ-Ċittadini Anzjani u Anzjanita' Attiva,
lill-Onor. Kap tal-Oppożizzjoni,
lill-Kelliem tal-Oppożizzjoni dwar is-Sigurta' Soċjali
lill-Presidenti tal-Kumitati Permanenti Parlamentari
dwar l-Affarijiet Soċjali,
dwar l-Affarijiet tal-Familja,
dwar is-Saħħa, u

dwar l-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji,
lill-Onor. Membri Parlamentari Ewropej Maltin,
lill-Kummissarju għall-Anzjani,
lill-Kummissarju għas-Saħħa,
lill-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani,
lill-Alleanza ta' Organizazzjonijiet ta' Pensjonanti,
lill-President Malta Health Network,
lill-President Anti-Poverty Forum, Malta,
lis-Segretarju tas-Sotto-Kumitat tas-Soċjetà Ċivili tal-MCESD,
lill-Edituri tal-ġurnali u lill-Inkarigati mill-mezzi tax-xandir lokali.

Fft. Louis Cilia
President

fft. Joseph M. Azzopardi
Segretarju Ġenerali Onorarju
13 ta' Marzu 2021